

# DEĊIŻJONIJIET 2

## tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti dwar il-Kitba tal-Kliem mill-Ingliż fil-Malti 2018

## RAPPORT QASIR

Dawn id-Deċiżjonijiet
saru uffiċjali fil-11 ta' Diċembru 2018
bil-pubblikazzjoni tagħhom
fil-Gazzetta tal-Gvern
u qed jingħata moratorju ta' ħames snin
sa ma jindraw u jidħlu fis-seħħ
fil-11 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

kunsilltalmalti@gov.mt
www.kunsilltalmalti.gov.mt

# KELMTEJN TAL-BIDU

Wara snin ta' ħidma u konsultazzjoni, il-Kumitat maħtur mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex jistudja l-problema tal-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti, ressaq ir-rapport bir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-istess Kunsill għall-approvazzjoni. Fil-laqgħa tad-9 ta' Marzu 2018, il-Kunsill approvah unanimament.

F'isem il-membri tal-Kumitat fiż-żewġ fażijiet tiegħu, nirringrazzja lill-Kunsill tal-fiduċja li wera fina. Ħajr ukoll lil dawk kollha li qasmu magħna l-fehma tagħhom fil-proċess intensiv ta' konsultazzjoni. Qisna l-fehma ta' kulħadd, imma minħabba n-natura tas-suġġett li kellna quddiemna, ma kienx hemm soluzzjoni waħda ideali u għalhekk kellna ninsġu flimkien sensiela ta' kompromessi li kemm jista' jkun jirrispettaw is-serjetà akkademika u l-konsistenza, ir-regoli stabbiliti tal-kitba tal-Malti u li, fl-istess ħin, jirriflettu l-aspirazzjonijiet popolari murija mill-pubbliku.

Il-membri tal-Kumitat jistħoqqilhom il-gratitudni u l-apprezzament tagħna. Minkejja l-impenji professjonali tagħna, sibna l-ħin biex nistudjaw id-diffikultajiet involuti u niltaqgħu flimkien ħalli niżnu l-fehmiet kollha li waslulna, nanalizzawhom u naslu għar-rakkomandazzjonijiet tagħna miġbura fir-rapport sħiħ. Din li għandek f'idejk hi l-verżjoni mqassra tiegħu.

Ħajr speċjali jistħoqqlu Dr George Farrugia, li kien is-Segretarju tal-Kumitat fiż-żewġ fażijiet tiegħu. Huwa ġabar bir-reqqa l-materjal kollu diskuss u għaġnu flimkien f'test li serva bħala bażi għal dan ir-rapport. Grazzi wkoll lill-Prof. Manwel Mifsud, li kellu sehem kruċjali fit-tħejjija tal-abbozz finali tar-rapport, u lill-Prof. Ray Fabri, tal-kontribut lingwistiku u l-appoġġ qawwi tiegħu f'kull stadju tal-Kumitat tul it-tmexxija tiegħu tal-Kunsill.

Wara t-tieni seminar pubbliku, l-abbozz finali ttella' fis-sit tal-Kunsill tal-Malti biex min ried, seta' jagħti l-aħħar kummenti u suġġerimenti tiegħu. Fil-fatt, minkejja l-proċess twil ta' konsultazzjoni, reġgħu daħlu bosta kummenti li l-Kumitat fliehom bir-reqqa u, fejn ħass li kien meħtieġ, inkorporahom fit-test aħħari li kien iffinalizzat u rivedut minn Dr George Farrugia, mis-Sur Thomas Pace, id-Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill, u minni bħala l-Kap tal-Kumitat. Tfasslu wkoll numru ta' Mistoqsijiet Komuni mwieġba bl-għajnuna ta' Dr Michael Spagnol.

Din il-verżjoni mqassra tar-rapport tiġbor fiha numru ta' mistoqsijiet komuni mwieġba u maħsubin biex ikomplu jgħinu lil min ikun qed jikteb xi kelma mill-Ingliż fil-Malti. Tinkludi wkoll tabella skematika li ma fihiex il-każijiet kollha spjegati fir-rapport sħiħ, imma tippreżenta biss l-aktar punti ġenerali tiegħu. Fl-aħħar nett jingħataw il-punti ewlenin fil-qosor, li fil-prattika, huma r-rakkomandazzjonijiet tagħna dwar il-kitba tal-kliem mill-Ingliż. Kull punt għandu warajh ir-referenza għat-taqsima tiegħu f'Parti B tar-rapport sħiħ, fejn hu diskuss f'aktar dettall.

**Prof. Albert Borg**
Kap tal-Kumitat dwar il-Kitba tal-Kliem mill-Ingliż fil-Malti





Il-Kumitat li ħadem fuq id-*Deċiżjonijiet 2* l-ewwel kellu funzjoni konsultattiva u mbagħad waħda teknika. Il-kompożizzjoni tiegħu nbidlet, għalkemm mhux kompletament, biex tirrifletti dan. Ħajr speċjali lill-membri taż-żewġ kumitati:

**IL-KUMITAT KONSULTATTIV**
Prof. Albert Borg (Kap), Dr George Farrugia (Segretarju), Carmel Azzopardi, Donna Borg, Dr Immanuel Mifsud, Mary Rose Mifsud, Steve Mifsud, Trevor Zahra u John Zammit.

**IL-KUMITAT TEKNIKU**
Prof. Albert Borg (Kap), Dr George Farrugia (Segretarju), Saviour Sam Agius, Dr Simone Inguanez, George Mifsud, Prof. Manwel Mifsud u Dr Michael Spagnol.







# QABEL ID-*DEĊIŻJONIJIET 2*

### Il-qagħda uffiċjali

Skont iż-*Żieda mat-Tagħrif* li saret uffiċjali fl-**1984** (ara pp. 11-13), kelma barranija titqies bħala Maltija meta tkun aċċettata u użata mill-poplu. Bis-saħħa ta' dan għandha tibda tinkiteb fonetikament, jiġifieri kif tinstema'.

Dan ifisser li, skont din ir-regola tal-Akkademja tal-Malti, qabel il-ħruġ tad-*Deċiżjonijiet 2*, kellna niktbu la Maltija mhux biss kliem bħal 'skorja', 'gowl', 'vann', 'gass', 'garaxx', imma anke kliem bħal 'aircraft carrier', 'bumper', 'snooker', 'high tension', 'air conditioner', 'hair dryer', 'jigsaw puzzle', 'eye shadow', 'cocktail', 'plumber', 'microwave', suppost kellu jinkiteb 'erkraftkerjer', 'bamper', 'snuker', 'ħajtenxin', 'erkondixiner', 'ħerdrajer', 'ġiksopażil', 'ajxedow', 'koktejl', 'plamer', 'majkrowejv'.

### Fil-prattika

Fil-prattika, qabel il-ħruġ tad-*Deċiżjonijiet 2* fl-**2018**, il-problema li jippreżenta l-kliem Ingliż kienet qed issib aktar minn tweġiba waħda:

i. Kien hemm min, l-aktar f'xi gazzetti, jipprova jagħti dejjem sura Maltija lill-kelma Ingliża, u jikteb kliem bħal 'frikik', 'partajm', 'stejġ', 'kowċ', għal 'free-kick', 'part-time', 'stage', 'coach'. Dawn il-forom spiss kienu qed ikunu fil-mira tal-kritika ta' min ma jogħġbuhx.
ii. Oħrajn kellhom it-tendenza li jħallu kollox għaddej, fis-sens li kull kelma mill-Ingliż iħalluha bil-kitba oriġinali, kultant mingħajr l-ebda indikazzjoni, eż. 'Bħalissa għandna l-geyser u l-fridge bil-ħsara.'
iii. Uħud kienu jiktbu ċertu kliem la Maltija iżda kliem ieħor kienu jħalluh bl-Ingliż, eż. 'cooker', 'geyser' imma 'kompjuter', 'friġġ'.
iv. Kien hemm min, fl-istess kelma juża sistema mħallta billi jżomm kull parti bl-ortografija tagħha, eż. 'It-teamijiet Maltin sejrin tajjeb din is-sena.' u 'Qed ibigħu l-jeansijiet bl-irħis.'
v. Ma kinux jonqsu wkoll kitbiet li nistgħu nsejħulhom difettużi, fis-sens li, filwaqt li jidher li l-kittieb xtaq jikteb il-kelma kollha la Maltija, ma kienx jirnexxilu jinqata' għalkollox mill-kitba Ingliża, u jispiċċa jikteb b'ortografija li la tista' tgħidilha Maltija u lanqas ma ssejħilha Ingliża, kif jidher f'dawn it-tliet eżempji:
    - 'xatter' għal 'shutter' (miktuba b''t' doppja minflok b''t' waħda kif tinħass)
    - 'downuts' għal 'doughnuts' (miktuba bil-vokali 'u' minflok bil-vokali 'a')
    - 'komputer' għal 'computer' (miktuba mingħajr il-konsonanti 'j').

### Il-ħtieġa ta' deċiżjoni

Din l-inkonsistenza li tiġi mill-użu ta' żewġ sistemi differenti fi ħdan kelma waħda ma tistax tkun ta' fejda għall-istabilità u l-iżvilupp tal-Malti miktub. Fil-fatt, nistgħu ngħidu li dawk li jiktbu bil-Malti, ewlenin fosthom l-istudenti, l-għalliema, l-awturi, it-tradutturi, il-ġurnalisti u l-pubblikaturi, kienu ilhom juru t-tħassib tagħhom dwar dawn id-diverġenzi u wrew kemm-il darba x-xewqa li din il-problema tinstabilha soluzzjoni xierqa.

Messaġġ ċar u konsistenti li kien qed jirċievi l-Kunsill tal-Malti, kemm mil-laqgħat ta' konsultazzjoni ma' dawn in-nies li jużaw il-Malti f'xogħolhom kif ukoll mill-biċċa l-kbira tal-pubbliku fil-mezzi ta' komunikazzjoni u fiż-żewġ seminars pubbliċi li organizza fuq is-suġġett, kien li wieħed għandu jevita forom ta' kitba li jitbiegħdu radikalment mill-kitba oriġinali. Dawn jaħsdu lill-qarrej bid-dehra stramba tagħhom u jtellfuh fil-proċess tal-qari, fid-dawl ukoll tas-sitwazzjoni bilingwi attwali, li fiha l-maġġoranza tan-nies huma familjari mal-lingwa Ingliża u qed jiltaqgħu mal-kliem fil-forma ortografika Ingliża qabel ma jidħol fl-użu tal-Malti. Dan il-messaġġ il-Kunsill fehmu u żammu quddiemu tul il-ħidma tiegħu.

# MISTOQSIJIET KOMUNI

## *DEĊIŻJONIJIET 2*

### 1. Kull kelma mill-Ingliż nista' nibda nużaha fil-Malti?

Le. L-ewwel għandi nara hemmx kelma oħra stabbilita li nużaw fil-Malti u li taqdini tajjeb għall-istess tifsira. Jiġifieri:

| MA NUŻAX | NUŻA |
|---|---|
| Qata' ~~t-tickets~~ għal-logħba. | Qata' l-biljetti għal-logħba. |
| Xtrajt ~~il-presents~~ kollha tal-~~Christmas~~. | Xtrajt ir-rigali kollha tal-Milied. |
| ~~In-neighbours~~ tagħna mill-aħjar. | Il-ġirien tagħna mill-aħjar. |

### 2. Imma dan dejjem jgħodd?

Mhux fil-kuntesti kollha. Il-kliem mill-Ingliż ġieli nkunu neħtiġuh għax ikollu tifsira speċifika, eż. 'X'inhi d-data tal-lum?' **mhux** 'X'inhi d-date tal-lum?'

*imma*

'Ilbieraħ kellu date.' **mhux** 'Ilbieraħ kellu data.'

### 3. Allura l-kliem mill-Ingliż kif se niktbu?

Bir-regoli tal-1984, il-kliem barrani li jitqies Malti kellu jinkiteb kollu kif jinħass, jiġifieri kliem bħal 'air conditioner', 'plumber' u 'microwave' kellu jinkiteb 'erkondixiner', 'plamer' u 'majkrowejv'. Iżda hekk, kif jinħass, dan il-kliem idarras lil ħafna u jfixkel fil-qari. Għalhekk, il-Kunsill tal-Malti, wara konsultazzjoni wiesgħa ma' nies minn setturi differenti, wasal għad-*Deċiżjonijiet 2* bi tliet tarġiet:

**TARĠA 1**
Kelma mill-Ingliż għandha tinkiteb la Maltija meta tintgħaġen mal-grammatika tal-Malti, skont ir-regoli uffiċjali tal-kitba, bħal meta tingħata plural ('dixx > dixxijiet', 'sors > sorsi', 'ċippa > ċipep') jew issir verb ('strajkja', 'ċċarġja', 'pparkja').

**TARĠA 2**
Kliem kompost minn żewġ kelmiet jew aktar ('volleyball', 'part-time', 'fire extinguisher') għandu jitħalla bl-Ingliż.

**TARĠA 3**
Kliem mill-Ingliż, li la hu magħġun fil-grammatika u lanqas hu kompost, jista' jitħalla kif inhu ('screen', 'ground', 'cooker') jew jinkiteb la Maltija ('skrin', 'grawnd', 'kuker') skont il-preferenza ta' min jikteb, basta jkun konsistenti fil-kitba.

***Nota:*** *Il-kliem mill-Ingliż miktub kif jinħass la Maltija, xi drabi jindara ('alkoħol', 'kompjuter', 'plastik') imma drabi oħra jitbiegħed viżwalment u jaf itellef lill-qarrejja ('hockey > ħoki', 'cruise > kruż', 'wrap > repp'). F'dawn il-każijiet, min jikteb huwa ħieles li jagħżel b'mod responsabbli l-forma li jixtieq u jkun konsistenti fiha.*

# TABELLA SKEMATIKA ĠENERALI

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

*Hawn qed jingħataw biss il-passi prinċipali. Mhumiex inklużi l-każijiet kollha spjegati f'parti B tar-rapport sħiħ.*

## A LIEMA KELMA NUŻA?

### Jekk kelma mill-Ingliż...

1. nista' nuża minflokha kelma oħra stabbilita fil-Malti li taqdini tajjeb għall-istess tifsira
eż. **biljett** minflok **ticket**
→ **ma nużahiex**

2. neħtieġha tassew fil-kuntest li jkolli
eż. **taħdit**/**diskors** vs **chatting**
→ **nużaha**

## B KIF SE NIKTIBHA?

### Jekk se nuża l-kelma mill-Ingliż...

1. **inħalliha miktuba bl-Ingliż**

jekk hija kelma komposta minn żewġ kelmiet jew aktar
eż. **windscreen**, **roundabout**, **shock absorber**, **fire extinguisher**, eċċ.

2. **niktibha bil-Malti skont ir-regoli stabbiliti tal-ortografija Maltija**

jekk hi integrata fil-grammatika Maltija:

**a. fin-nomi**
ħlief dawk bil-plural mill-Ingliż '–s'
eż. **kitla** – **ktieli** *għax plural miksur,*
**sors** – **sorsi** *għax plural sħiħ,*
**brejk** – **brejkijiet** tal-karozza *għax plural sħiħ, mhux minħabba l-verb korrispondenti* **ˈbbrejkja** *u l-aġġettiv/parteċipju* **ˈbbrejkjat**

(Għan-nomi li jieħdu l-plural mill-Ingliż '-s', ara B3.)

**b. fil-verbi**
eż. **fajjar** – **fajjarna** – **tfajjar**,
**ˈċċarġja** – **ˈċċarġjajna** – **tiċċarġja**

**ċ. fl-aġġettivi/parteċipji**
eż. **ˈggaraxxjat**/**a**/**i**, eċċ.

3. **għandi għażla niktibhiex la Maltija jew la Ingliża**

jekk mhix integrata fil-grammatika Maltija jew hija nom li jieħu l-plural mill-Ingliż '–s':

**fin-nomi u l-aġġettivi/parteċipji**

**i.** jekk il-forma miktuba bil-Malti ma titbigħedx viżwalment mill-forma Ingliża, nista' niktibha la Maltija
eż. **ħelikopter**, **kamera**, **plastik**, **alkoħol**, eċċ.

**ii.** jekk il-forma miktuba bil-Malti titbiegħed viżwalment mill-forma Ingliża, aħjar inħalliha miktuba bl-Ingliż
eż. **foundation**, **shutter**, drapp **plain**, eċċ.

## Ċ GĦANDI NIMMARKAHA?

### Jekk se nħalli l-kelma bl-Ingliż...

1. fil-kitba u f'dokumenti/grafika elettronika u ppubblikata
→ **ma nimmarkahiex**

2. f'kuntest pedagoġiku u/jew f'materjal maħsub għal tfal ta' età bikrija
→ **nista' nimmarkaha** bil-virgoletti, korsiv jew b'xi mod ieħor

**4. Għaliex l-għażla tħalliet f'idejn min jikteb u ma saritx lista tal-kliem li għandu jitħalla bl-Ingliż u ta' dak li għandu jinkiteb bil-Malti?**

Il-kelliema mhux dejjem jaqblu bejniethom jekk kelma għandhiex tinkiteb bil-Malti jew titħalliex bl-Ingliż ('mowbajl/mobile'). Għalhekk, ġie deċiż li minflok listi twal ta' kliem li trid toqgħod tirreferi għalihom kull darba, ikun aħjar jekk jingħataw ftit linji gwida li tista' tiftakarhom u tapplikahom fil-kuntest tal-kitba tiegħek.

**5. Meta niġi biex nikteb kelma la Maltija, x'inhuma r-regoli li għandi nimxi magħhom?**

Imxi mar-regoli uffiċjali tal-kitba tal-Malti. Għal aktar dettalji ara t-Taqsima 6 tar-rapport sħiħ tad-*Deċiżjonijiet 2* li tispjega pass pass kif jinkiteb dan il-kliem.

**6. Meta l-kliem inħallih bl-Ingliż għandi nimmarkah?**

Le, timmarkahx bil-virgoletti jew bil-korsiv. Iżda f'materjal maħsub għal tfal ta' età bikrija, dan il-kliem jista' jkun immarkat biex nilqgħu għal xi diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom.

## Id-*Deċiżjonijiet 2* f'sentenza

B'mod ġenerali:
Meta tikteb għandek il-libertà tagħżel jekk kelma mill-Ingliż **li mhix integrata** fil-grammatika tal-Malti, tħallihiex kif inhi ('wire', 'mascara') jew tiktibhiex la Maltija ('wajer', 'maskara'), imma trid tiktibha la Maltija meta toqgħod għall-grammatika tal-Malti ('kejkijiet', 'niskorja'), u tħalliha bl-Ingliż meta tkun komposta ('dry cleaning', 'jackhammer') jew jekk, meta tiktibha la Maltija, tinbidel wisq mill-forma oriġinali tagħha bl-Ingliż ('aerial' flok 'erjal', 'squirrel' flok 'skwiril').

# IL-PUNTI EWLENIN FIL-QOSOR

**Għal spjega fit-tul ta' kull punt, ara t-taqsimiet korrispondenti indikati hawn taħt (fil-parentesi) minn Parti B tar-rapport sħiħ.**

1. Qabel ma wieħed juża kelma minn lingwa oħra, l-aktar fil-kitba, jiżgura ruħu li ma jkunx hemm diġà kelma stabbilita fil-Malti li taqdih tajjeb għall-istess tifsira, eż. 'biljett/ċitazzjoni' mhux 'ticket', 'nieda/vara' mhux 'illonċja'. **(1.1 u 1.2)**

2. Mhux kull kelma li mal-ewwel daqqa t'għajn tidhrilna żejda bilfors tkun hekk, eż. 'date' (appuntament romantiku) u 'data' (tal-kalendarju), 'tiċċettja' (fuq l-internet) u 'titħaddet' (bil-fomm). **(1.3)**

3. Il-kriterju ewlieni li bih niddeċiedu jekk kelma daħlitx jew le fil-lingwa għandu jkun l-użu mifrux u l-ħtieġa tagħha fil-Malti. **(1.4)**

4. Kelma mill-Ingliż jista' jkollha aktar minn pronunzja waħda fil-Malti. Jekk il-kittieb jagħżel li jiktibha la Maltija, din il-varjabilità għandha tkun irrispettata fil-kitba, eż. 'kantin/kentin', 'maniġer/meniġer'.

   Il-kittieb għandu jkollu l-libertà jagħżel dik l-alternattiva li tesprimi bl-aħjar mod il-preferenza lingwistika tiegħu waqt li jżomm il-konsistenza fil-forma li jagħżel. **(1.5 u 1.6)**

5. Kull kelma mill-Ingliż li daħlet fil-Malti u qagħdet għar-regoli morfoloġiċi tiegħu għandha tkompli tinkiteb la Maltija, ngħidu aħna, **nomi:** 'kitla – ktieli', 'sors – sorsi', 'brejk – brejkijiet' (tal-karozza); **verbi:** 'fajjar – fajjarna – tfajjar – ifajru', 'startja – startjajna – tistartja – tistartjaw'; **aġġettivi/partiċipji:** 'ⁱggaraxxjat/a/i'. Wieħed jinnota li hawn għandna forom differenti tal-istess nom jew tal-istess verb jew tal-istess aġġettiv/partiċipju.

   Għalhekk, ir-raġuni għaliex wieħed jikteb nom bħal 'brejk' la Maltija mhijiex għax juża l-verb korrispondenti 'ⁱbbrejkja – jibbrejkja' (derivazzjoni) imma għax il-plural tan-nom huwa adattat morfoloġikament: 'brejk**ijiet**' (inflessjoni). **(5.1)**

6. Tajjeb li tingħata preferenza lill-plural integrat ta' nomi bħal 'ċippa – ċipep' (plural miksur), 'ċans – ċansijiet' ('–ijiet'), 'briksa – briksiet' ('–iet'), 'sors – sorsi' ('–i') (plural sħiħ), u għalhekk fil-kitba tintuża l-forma Maltija tas-singular u l-plural tagħhom b'konsistenza. **(5.1)**

7. Għall-iskop ta' dawn ir-regoli, il-plural mill-Ingliż '–s' m'għandux jitqies awtomatikament bħala kriterju tal-integrazzjoni, għaliex inkella jiġri li l-biċċa l-kbira tan-nomi li wieħed juża fl-Ingliż ikun jista' jqishom integrati fil-Malti bis-saħħa tiegħu. **(5.2)**

8. Meta l-kittieb iqis li xi nomi, li jieħdu biss is-suffiss tal-plural Ingliż '–s', ikunu ndraw fis-sura Maltija tagħhom u/jew ma jitbegħdux viżwalment mill-forma Ingliża, jista' jiktibhom la Maltija basta jwassal ħsiebu bl-aħjar mod u bl-inqas tfixkil għal min jaqra.

   Għalhekk, filwaqt li l-kittieb jista' jagħżel li jikteb 'kompjuter/s' għax iqishom forom li ndraw la Maltija u lanqas ma jitbiegħdu viżwalment daqstant mill-forma Ingliża, jiddeċiedi li ma jiktibx 'toilet/s' la Maltija (jiġifieri, 'tojlit/s') għax iħoss li dawn il-forom ma ndrawx, jitbiegħdu mill-forma Ingliża u jdarrsu lil min jaqrahom. **(5.2)**

**9.** L-għażla bejn il-kitba la Maltija jew la Ingliża ta' kliem, l-aktar nomi, mhux adattat morfoloġikament issir minn min ikun jikteb minħabba li mhux il-kliem kollu jippresta ruħu ndaqs biex jinkiteb la Maltija basta, fil-każ tal-istess nom, tinżamm il-konsistenza fil-kitba tas-singular u l-plural tiegħu. Biex nieħdu eżempju, jista' jkollna dawn il-possibilitajiet:

| | |
|---|---|
| **in-nom**: | 'scan – scans' jew 'skenn – skenns'<br>'scanner – scanners' jew 'skener – skeners'<br>'scanning' jew 'skening' |
| **il-verb**: | 'skennja', 'niskennja', 'skennjajt', eċċ. |
| **in-nom verbali**: | 'skennjar' |
| **il-parteċipju passiv**: | 'skennjat', 'skennjata', 'skennjati' **(5.3 u 5.4)** |

**10.** Il-kliem kompost minn żewġ kelmiet għandu jitħalla miktub bl-Ingliż, eż. 'air conditioner' mhux '~~erkondixiner~~'. **(5.5)**

**11.** Il-kliem miktub bl-Ingliż m'għandux ikun immarkat, imma biex nilqgħu għal xi diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal ta' età bikrija qed nirrakkomandaw li f'testi pedagoġiċi u/jew f'testi mmirati għalihom, il-kliem li jitħalla la Ingliża jista' jkun immarkat bil-virgoletti, bil-korsiv jew skont kif jidhirlu l-aħjar l-awtur jew il-pubblikatur. **(5.6)**

**12.** Meta l-kittieb jiddeċiedi li jikteb kelma la Maltija, dan għandu jiktibha fonetikament kif tinstema' fil-Malti skont ir-regoli uffiċjali tal-ortografija Maltija, eż. 'kompjuter' mhux '~~komputer~~' jew '~~compjuter~~'. **(6)**

**13.** Il-konjugazzjoni tal-verb mill-Ingliż tinbena fuq iz-zokk. Xi verbi li z-zokk tagħhom fl-Ingliż jispiċċa b'ħoss konsonantali, min ikun jiktibhom bil-Malti jista' jsibha bi tqila biex jiddeċiedi jekk qabel il-'–ja' finali toqgħodx konsonanti singla jew doppja.

Għalhekk: **Verbi** li z-zokk tagħhom huwa <u>b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila</u>, eż. 'jilli**kja**' u verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa bis-semivokali (j, w), indipendentement min-numru tas-sillabi u mit-tul tal-vokali taz-zokk tagħhom, eż. 'slo**wja**', 'spre**jja**', jinkitbu dejjem b'konsonanti singla qabel it-tarf '–ja'. **(6.1b (i) u (ii))**

**14.** Bl-istess mod, **kliem ieħor** Ingliż, l-aktar nomi, <u>b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila</u>, jekk jinkiteb la Maltija ma jinkitibx b'konsonanti mtennija fit-tarf, anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra, eż. 'seat > sit – si**ts**', 'team > tim – ti**mijiet**'. **(6.1b (iii))**

**15.** **Verbi** li z-zokk tagħhom huwa <u>b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira</u>, għajr il-verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa bis-semivokali (j, w), jinkitbu dejjem b'konsonanti mtennija qabel it-tarf '–ja', eż. '$^{i}$ċċe**kkja**', '$^{i}$ġġo**ggja**'. **(6.1b (iv))**

**16.** Bl-istess mod, **kliem ieħor** Ingliż, l-aktar nomi, <u>b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira</u>, jekk jinkiteb la Maltija jinkiteb b'konsonanti mtennija qabel it-tarf '–ja', anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra, eż. 'set > sett – settijiet – $^{i}$ssettja', 'blog > blogg – bloggs – $^{i}$bbloggja', 'bluff > blaff – $^{i}$bblaffja'. **(6.1b (v))**

**17.** F'każ li l-element miżjud ikun '–er', '–ing' jew '–is', jekk jinkiteb la Maltija, il-konsonanti mtennija ssir singla, eż. 'blogg' imma 'blo**ger**', '$^{i}$bbukkja' imma 'bu**king**', 'swiċċ' imma 'swi**ċis**'. **(6.1b (v))**

**18.** **Verbi** li fil-Malti l-mamma tagħhom jista' jkollha żewġ pronunzji differenti jistgħu jinkitbu b'żewġ modi differenti imma tajjeb li l-kittieb ikun konsistenti fl-għażla tiegħu, eż. 'ippanikja/ippanikkja', 'ibbaġitja/ibbaġittja', 'ippolixja/ippolixxja'. **(6.1b (vi))**

**19.** Il-kliem mill-Ingliż miktub la Maltija li jifforma l-plural tiegħu biż-żieda ta' '–s' f'tarf is-singular jibqa' jinkiteb bis-'s' anke meta din tieħu l-ħoss ta' 'ż', eż. 'klabbs', 'bloggs'. **(6.2)**

**20.** L-element 'ex' jista' jibqa' jinkiteb 'ex' u separat mill-kelma ta' warajh, eż. 'ex plejer', 'l-Ex President Joe Attard', 'ex prim ministru', jew fonetikament 'eks' u separat mill-kelma ta' warajh, eż. 'eks plejer', 'l-Eks President Joe Attard', 'eks prim ministru'.

Dan japplika wkoll meta l-element jintuża waħdu bħala nom, eż. 'Ried jevita li jkellem lill-ex/eks tiegħu.' **(6.3)**

**21.** Il-kelma 'extra', li meta tintuża bħala prefiss tingħaqad mal-kelma ta' warajha, għandha tinkiteb la Maltija ('ekstra') biex tkun evitata l-kitba ta' żewġ sistemi differenti fl-istess kelma, eż. 'ekstrakurrikulari' (mhux '~~extrakurrikulari~~'). Għandha tinkiteb la Maltija wkoll meta tintuża f'sens aġġettivali, eż. 'żejt taż-żebbuġa ekstra verġni' (extra virgin olive oil).

Meta l-kelma 'extra' tintuża bħala nom tista' tinkiteb la Ingliża jew la Maltija, eż. 'Applikajt bħala extra/ekstra għall-film li qed jinġibed Malta.' **(6.3)**

**22.** Meta quddiem nomi komuni u titli ta' persuni mill-Ingliż, li ma jinkitbux la Maltija jew li l-kittieb jagħżel li jħallihom miktubin bl-Ingliż tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, ortografikament din għandha tinkiteb ħaġa waħda man-nom jew mat-titlu:

eż. 'L-**is**panner u l-**is**kateboard ma nistax insibhom.'
'L-**Is**peaker Joe Borg kien ma jiflaħx.'

F'każ li tinħass il-ħtieġa li dan il-kliem ikun immarkat minħabba l-istil tad-dokument li jkun se jidher fih (testi pedagoġiċi u/jew testi mmirati għal tfal ta' età bikrija), il-vokali tal-leħen għandha ssegwi l-istess stil tal-bqija tal-kelma mmarkata.

eż. i. fil-virgoletti: L-'iscooter' li xtratlu tgħidx kemm għoġbu.
ii. bil-korsiv: L-*iscooter* li xtratlu tgħidx kemm għoġbu.
iii. bil-grassett: L-**iscooter** li xtratlu tgħidx kemm għoġbu. **(6.4)**

**23.** Fil-każ ta' nomi proprji mill-Ingliż (bħal ismijiet ta' pajjiżi jew postijiet, ditti, organizzazzjonijiet, programmi, akronimi li jinqraw bħala kelma sħiħa, eċċ.) li ma jinkitbux la Maltija u li magħhom tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, din tinkiteb żgħira u l-isem jinkiteb b'ittra kbira:

eż. 'l-**iS**prite', 'l-**iS**tergene'
'l-**iS**ky Mountains'
'l-**iS**plash and Fun'
'l-**iS**TART (Strategic Arms Reduction Treaty)'

L-ismijiet xjentifiċi u l-ismijiet ta' pubblikazzjonijiet jinkitbu bil-korsiv (ara d-*Deċiżjonijiet 1* (2.3 u 2.4)) u l-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira u bil-korsiv ukoll:

eż. 'Fl-***iS**panish Revolution*, ktieb li domt naqrah ġimagħtejn, qrajt li kienu mietu eluf ta' nies.'
'l-***iS**treptococcus pneumoniae*'

Meta jinkiteb bl-id, l-isem xjentifiku jintuża b'sing taħtu, eż. l-iStegosaurus ungulatus, filwaqt li l-isem ta' pubblikazzjoni jinkiteb fil-virgoletti, eż. l-'iSpanish Revolution'. **(6.4)**

**24.** Quddiem kliem miktub mhux la Maltija niktbu l-artiklu (jew il-prepożizzjoni mal-artiklu) skont kif illissnu, jiġifieri skont il-prinċipju fonetiku, eż. '**ix-**show', '**iċ-**chat', '**is-**central heating', '**fix-**shock absorbers', '**fil-**Eurovision'.

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi, eż. '**il-**UNESCO/**l-**UNESCO', '**is-**CMTU', '**l-**RTK', '**fl-**MUT', '**bl-**SMS'. **(6.5)**

**25.** Wara kelma mill-Ingliż miktuba mhux la Maltija niktbu skont l-aħħar ittra tagħha, jiġifieri skont il-prinċipju viżiv. Għall-fini ta' din ir-regola l-ittra 'y' titqies bħala konsonanti:

eż. 'Biex jipprattikaw il-waterpol**o** **j**ridu jitħarrġu kuljum.'
'It-trolle**y** **i**l-ġdid aħjar nibżgħu għalih.'
'Melbourn**e** **l**lum hija waħda mill-akbar bliet tad-dinja.'
'Audre**y** **i**ppreferiet li tibqa' d-dar.'
'Ir-Renaul**t** **i**l-ħadra qiegħda għall-bejgħ.'
'Is-Sur Le Rou**x** **i**kollu jċedi postu fil-kumitat u s-Sinjorina Grzegorczy**k** **i**llum se tidħol minfloku.'

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi:
eż. 'Jekk il-BB**C** **i**kun jinstema' sew, nisma' l-aħbarijiet fuqu imma mbagħad narahom fuq ir-RA**I** **w**koll.' **(6.6)**

*Qisna l-fehma ta' kulħadd imma,*
*minħabba n-natura tas-suġġett li kellna quddiemna,*
*ma kienx hemm soluzzjoni waħda ideali*
*u għalhekk kellna ninsġu flimkien sensiela*
*ta' kompromessi li kemm jista' jkun jirrispettaw*
*is-serjetà akkademika u l-konsistenza,*
*ir-regoli stabbiliti tal-kitba Maltija u li,*
*fl-istess ħin, jirriflettu l-aspirazzjonijiet popolari*
*murija mill-pubbliku.*



**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

**DEĊIŻJONIJIET 2**
IL-KITBA TAL-KLIEM MILL-INGLIŻ FIL-MALTI

**kunsilltalmalti@gov.mt**
**www.kunsilltalmalti.gov.mt**

/kunsilltalmalti

Tista' taqra l-verżjoni diġitali ta' dan ir-rapport minn hawn